MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 2/1989/2

**Adrian Glass bhala l-kap tal-Kommunjoni u amministratur tal-beni parafernali ta' martu Maria Regina Glass u l-istess Maria Regina Glass, u b'digriet tas-26 ta' Ottubru, 2001 l-atti gew trasfusi f'isem Gina Glass bhala leggittima rapprezentanta ta' bintha minuri Anna Marie u ta' Christian u Elaine ulied maggorenni tal-konjugi Glass.**

**VS**

**Lawrence Grima**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghhom l-atturi ppremettew illi:

Billi fis-27 ta’ Novembru 1988 f’xi 3.15pm waqt li Maria Regina Glass kienet qed issuq Car No. N.8630 Daihatsu Charade go Swieqi Road, Swieqi din il-vettura sfat involuta f’habta mal-konvenut Lawrence Grima li kien qed isuq Car Nru E.6995 Escort.

Billi fl-incident imsemmi Maria Regina Glass sfat imwegga’ u permanentement debiliata oltre li l-istante garbu danni ohra.

Billi ghall-incident u konsegwenzjali danni msemmija kien jahti l-konvenut minhabba negligenza, imperizja, imprudenza, u inosservanza tar-regolamenti u dan mhux qed jaccetta responsabbilta’ totali ghall-incident.

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-dann li b’rizultat tal-istess sofrew l-istanti.

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta’ Periti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes ukoll ta’ l-ittra ufficjali lill-assikuratur tal-konvenut skond il-ligi, ta’ llum stess.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Grima a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:**

1. illi preliminarjament, irid jigi pruvat li l-attur Adrian Glass jaf bl-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri u ta' l-kunsens tieghu ghall-istess;

2. illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, t-talbiet attrici huma nfondati fil fatt u fid-dritt stante li l-kollizzjoni in kwistjoni grat minhabba t-tortijiet imputabbli unikament lill-attrici Maria Regina Glass.

3. Illi l-konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din l-istanza sabiex jirrikonvjeni lill-atturi sabiex peress illi l-kollisjoni in kwistjoni grat, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku dapparti tal-attrici Maria Regina Glass u peress illi minhabba dan l-incident il-konvenut soffra danni konsistenti kemm f''damnun emergens u kemm f''lucrum cessans;

Jghidu l-atturi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-attrici unikament responsabbli ghall-kollizjoni li grat fis-27 ta' Novembru 1988 go Swieqi Road, Swieqi bejn il-karozzi misjuqa mill-attrici u mill-konvenut;

2. Tillikwida, occorendo permezz ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-istess konvenut;

3. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja datata 15 ta' Dicembru 1988 kontra l-atturi u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ghad-danni sofferti minn mart u ulied il-konvenut b'konsegwenza ta' l-istess kollisjoni.

Rat in-**nota ta' eccezzjonijiet ta' l-atturi ghall-kontrotalbiet** ta' Lawrence Grima a fol 11 fejn eccepixxa:

1. Illi l-ewwel kontrotalba ghandha tigi michuda billi ghall incident awtomobilistiku in kwistjoni kien jahti biss Lawrence Grima.

2. Illi t-tieni kontrotalba ghandha tigi michuda billi m'hemmx danni ta' Lawrence Grech x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-atturi.

3. Illi ghar-rikward tat-tielet kontrotalba dina ghandha tigi michuda ghax m'hemm ebda ammont li l-atturi ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill konvenut.

4. Illi l-konvenut in kwantu ghall citazzjoni originali huwa kontumaci ghax l-eccezzjonijiet tieghu m'humiex segwiti mid-dikjarazzjoni skond il-ligi u dan iwassal ghal nullita tal-eccezzjoni.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol 4 li bih gie nominat il-Perit legali Dr. J. M. Ciappara assistit mill-espert mediku Charles Grixti. Dr. Paul Gauci Maistre ssostitwixxi lill Dr. J. Ciappara li miet fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet a fol 45 li bih gie nominat Dr. R. Soler bhala espert, li in segwitu ghal mewt tieghu, gie sostitwit b' Dr. F. X. Sammut;

Rat id-digriet a fol 53 li bih gie nominat Dr. A. Galea Debono biex jezamina lill-konvenut;

Rat id-digriet li bih gew nominati Dr. A. Galea Debono u Dr. F. Mercieca (ara fol 53 u 113);

Rat ir-rapport ta' Dr. R. Soler a fol 159;

Rat ir-rapport tal-Perit legali u esperti medici a fol 223;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Eccezzjoni preliminari**

Fl-eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut eccepixxa li jrid jigi pruvat li l-attur Adrian Glass jaf bl-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri u ta' l-kunsens tieghu ghall-istess. Illi Adrian Glass xehed li huwa kien jaf bl-istituzzjoni ta' dawn il-

proceduri u li ta l-kunsens tieghu ghall-istess (ara fol 238). Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni fil-mertu**

Fil-mertu l-konvenut qed jeccepixxi li l-kollizzjoni in kwistjoni grat minhabba t-tortijiet imputabbli unikament lill-attrici Maria Regina Glass.

**FATTI**

L-incident in kwistjoni sehh fi Swieqi Road, Swieqi. L-attrici kienet qed issuq karozza Daihatsu Charade Nru N 8630 sejra fid-direzzjoni ta' San Giljan (lejn it-tunnels) mentri l-konvenut kien qed isuq vettura Escort Nru E 6995 gej mid-direzzjoni opposta bl-intenzjoni li jdur fuq il-lemin tieghu biex jidhol fi Triq is-Sidra. Iz-zewg sewwieqa ma jaqblux kif gara l-incident. L-attrici tghid li kienet ghaddejja fid-dritt fuq in-naha taghha tat-triq u l-konvenut li kien gej minn faccata taghha qasam ghal fuqha u dahal fiha. Il-konvenut minn naha l-ohra jghid li hu kien wieqaf fuq in-naha tieghu tat-triq biex jikser fuq il-lemin tieghu u waqt li kien wieqaf, grat il-habta. Ghalhekk saret dina l-kawza u l-konvenutipprezenta kontrotalba ghad-danni li huwa sofra.

**KONKLUZZJONIJIET PERIT LEGALI**

Il-Perit legali mahtur minn dina l-Qorti wara li semgha x-xhieda u ezamina l-provi prodotti wasal ghall-konkluzzjoni li l-verzjoni ta' l-attrici hija aktar kredibbli u hija sopportata bl-iskizz li dwaru hemm qbil bejn il-partijiet. Il-Perit deherlu pero' li l-ispeed ta' l-attrici kien eccessiv u mhux prudenti ghal dika l-lokalita' u cirkostanzi u ghalhekk ghandu jitqies bhala fattur li jaddebita responsabilita' jew kontributorjieta' ghas-sinistru u ghalhekk allokalha 10% responsabilita' ghad danni.

**KONTESTAZZJONI TAR-RAPPORT U SOTTOMISSJONIJIET**

L-atturI pprezentaw nota (ara fol 463) fejn riferibbilment ghar-rapport tal-perit legali ddikjaraw li **jaqblu mal-metodu ta' komputazzjoni ta' danni** mgarrba minn Gina Glass izda talbu l-fakolta' li jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet rigward il-percentwali zghira ta' responsabilita li biha giet akkollata Gina Glass. Dina nota ma saritx.

Il-konvenut ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet billi ma qabilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali fis sens li l-manuvra tieghu kienet il-kawza prossima ta' l-akkadut u ssottometta li l-versjoni tieghu li kien wieqaf fl-inkrocju hija aktar verosimili minn dika ta' l-attrici li ppruvat taghti x'jifhem li kienet qabzet l-inkrocju u li ghalhekk il-konkluzzjoni tal-perit legali li l-konvenut *was cutting the corner* ma tregiex. Il-konvenut sostna li mhux minnu li l-vettura tieghu kienet angolata lejn l-inkrocju li jaghti ghall go Triq is-Sidra imma kienet ghad-dritt kif jirrizulta mill-hsara li garbet il-vettura tieghu. Hu ma kienx ghadu beda l-manuvra tieghu biex jidhol go Triq is-Sidra. Il-konvenut jirritjeni li l-kawza prossima tal-incident kien in nuqqas ta' *proper look* out ta' l-attrici u l-ispeed eccessiv taghha.

## Tikkunsidra

Fil-kaz in ezami l-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit legali li l-versjoni ta' l-attrici hija aktar verosimili u li hija konfortata minn riskontri oggettivi bhal ma huma l-iskizz u l-versjonijiet moghtija a tempo vergine mill-partijiet lill pulizija wara l-incident.

Jirrizulta mill-provi li l-attrici kienet ghaddejja ghad-dritt fuq in-naha taghha tat-triq u kien il-konvenut li ried jibdel il-karreggjata u jikser fuq il-lemin tieghu biex jidhol go Triq is-Sidra. Ma kien hemm xejn x'jostakola l-vizwali ta' l-attrici (anzi dina kienet rat il-vettura tal-konvenut minn zewg kantuniera 'l boghod) ghalhekk mhux verosimili li l-attrici ser tibqa diehla go karozza li suppost qeda wieqfa bl-indicator mixghul tistennieha biex tghaddi. Skond l-istess konvenut kien hemm spazju bizzejjed minn fejn l-attrici setghet tghaddi (ara fol 343) u ghalhekk ma kienx hemm raguni ghaliex kellha tidhol go fih.

Kienet l-Escort li tat id-daqqa lic-Charade u sabtitha mal-bankina (ara skizz) meta l-Escort ipprovat tidhol go Triq is-Sidra billi tghaddi minn quddiem ic-Charade ta' l-attrici. L-Escort hija vettura aktar b'sahhitha mix-Charade u vettura wieqfa ma ssabbatx vettura ohra.

In-nuqqas ta' brakemarks tal-vettura ta' l-attrici juri li l-attrici ma kienitx qed tistenna li l-konvenut ser jdur fuq in-naha taghha f'daqqa minn quddiemha biex jidhol go triq laterali. Hi xehdet li "kollox gara f'daqqa u ma kelliex chance li niehu azzjoni evaziva" fol 325.

Il-konvenut isostni fil-mument tal-impatt il-vettura tieghu kienet ghada fid-dritt u ma kienx ghadu beda biex jidhol go Triq is-Sidra. Skond l-okkorrenza l-konvenut qal lis-Surgent li "was about to turn towards Triq is-Sidra" mentri Chris Vella, passiggier ma l-attrici qallu li l-konvenut kien "turning towards Triq is-Sidra". F'dawn il-versjonijiet ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-konvenut kien qal lis-Surgent li kien wieqaf ghad-dritt qed jistenna biex idur. Meta xehed is-Surgent fil-Qorti qal li kien nizzel dak il-hin dak li qalulu l-partijiet bl-Ingliz, u li hu fehem "li Grima waqaf kif kien ser idur fuq Triq is-Sidra u l-karozza l-ohra baqghet diehla fuqu" (ara fol 331). Hu spjega pero' Grima u martu biss kienu qalu li kienu weqfin.

Mill-iskizz jirrizulta li Charade ta' l-attrici spiccat imdahhla gol bankina ta' Swieqi. Road, oltre Triq is-Sidra. Inoltre l-kwantita' ta' debris li hallew il-vetturi meta saret il-habta qieghed imbieghed minn Triq is-Sidra.

Kwantu ghall hsarat fil-vetturi jirrizulta li d-daqqiet principali kienu fuq il-lemin ta' quddiem taz-zewg vetturi kompatibbili ma kif grat il-habta fid-dinamika ta' vettura li riedet tikser fuq il-lemin taghha.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi bhal perit legali li t-tort principali kienet tal-konvenut.

**Speed ta' l-attrici**

Il-Qorti pero’ ma taqbilx mal-perit legali fejn huwa akkolla parti mir-responsabilita’ ghall akkadut lill attrici meta sab li l-ispeed taghha kien wiehed eccessiv ghal lokalita’. Il-Perit legali sab (u hawn il-Qorti taqbel mieghu) li l-kawza prossima ta’ l-akkadut kienet il manuvra inkonsulta li ghamel il-konvenut li qabad u kiser quddiem il-vettura ta’ l-attrici minghajr preavviz u qabel ma kien indikat lilu li setgha jaghmel hekk. Il-konkluzzjoni logika kellha tkun ghalhekk li l-htija kienet tal-konvenut u l-ispeed ghalkemm forsi setgha kien xi ftit eccedenti r-regolamenti tat-triq ma kienx il-kawza prossima ta’ l-incident u ghalhekk l-attrici ma kellha tehel ebda parti mill-htija.

F’kaz ta’ kollizzjoni l-Qorti trid tfittex sewwa x’kienet il-kawza prossima tal-kollizzjoni. Il-vjolazzjonijiet tar-regolamenti tat-triq ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma mhumiex bizzejjed biex jistabilixxu l-htija ghall kollizjoni, ghax jehtieg li jkunu tali li jkunu giebu, jew ghenu halli jgibu l-kollizjoni.

"Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamnetari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main road user u sija jekk ma jkunx, ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha infisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiv kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut.**"*(Ara sentenza A.Stanley vs A.Zahra PA JSP 23.3.93)*

"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista jissejjah "sfrenat". *( S.Mizzi vs J.Grech 23/3/72 u A.Bartolo vs K.Micallef 16.2.73).*

"Jekk iz-zewg drivers setghu jaraw lil xulxin fi zmien utili, il-fattur tas speed m'ghandux x'jaqsam xejn mal-kawza determinanti tal-kollizjoni "*(vol 36 p4 p 797).*

"Il-velocita' tal-parti l-ohra mhix skuza ghad-driver li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan." *(Vol 29 p 557).*

Fil-kaz in ezami l-konvenut xehed li hu ra lill-attrici gejja pero ma setghax ighid b'liema speed kienet gejja (ara fol 343). Martu pero', li ma ssuqx, qalet li rat lill attrici gejja bi speed qawwi u dan ipprezumietu ghax l-attrici lahqithom malajr. L-attrici xehdet li hija kienet ghaddejja bi xi 25 m.f.s. mentri Chris Vella li kien passiggier maghha qal li kienu ghaddejjin b'xi 30 m.f.s. mentri l-Escort kienet ghaddejja harira izjed. Dwar l-ispeed tal-konvenut l-attrici xehdet li rat l-Escort gejja b'certa speed u laqtitha bil-velocita taghha. (ara fol 325). Qalet li bil-hoss li kien gej bil-fors kellha thares. I heard the car coming so fast illi bilfors I had to look.

Hu ndubitat li f'dan il-kaz iz-zewg drivers raw il-xulxin minn qabel ghalhekk il-kwistjoni ta' speed ma kelliex tkun determinanti ghall-kollizjoni meta rrizulta li l-kawza prossima u determinati kienet il-manuvra nkonsulta tal-konvenut li dahal fil-karreggjata ta' l-attrici (by cutting the corner) biex jidhol go Triq is-Sidra. Il-Perit legali semma li l-hsarat li garrbu l-vetturi huwa indikativ ta' speed, izda wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni il-fatt li z-zewg vetturi habtu b'impatt dirett bla ma zammew brakes ghalhekk id-daqqa kienet qawwija ghax kien hemm aktar momentum.

## Danni

Kwantu ghall likwidazzjoni tad-danni, kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam mal lucrum cessans kif ukoll mad dammnum emergens ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Prevja li tichad l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenut;
Tilqa’ t-talbiet attrici
U tikkundanna lill konvenut
Ihallas lill attrici s-somma ta’ erbatax il-elf tmien mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm14,835);
Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------